**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 ta' Frar 2018**

**Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Jacob Rakban**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Jacob Rakban, 23 sena, iben Hussam u Maris (Stella Maris) xebba Bartolo, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Jannar, 1994, u jirrisjedi gewwa Binja Qlejgha, Block C, no. 38, Triq ir-Rigimenti Maltin, Mtarfa, u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 50794(M);

Talli nhar it-13 ta' Lulju, 2017, ghall-habta tas-6:30 ta' filghaxija, gewwa residenza Binja Qlejgha, Block C, no. 38, Triq ir-Regimenti Maltin, Mtarfa:

1) Minghajr il-hsiebli joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal huh Hmoud Hussam Rakban u ikkagunalu griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu, liema griehi gabu sfregju grabi u permanenti fil-wicc, hekk skond ma gie ccertifikat minn Dr. Tracy Lee Vidal M. D. (Reg. No. 3072) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u/jew diversi tobba ohra;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal- Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza moghtija fit-12 ta' Mejju, 2017, mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3) Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

4) Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

5) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza w cioe' ta' Hmoud Hussm Rakban , jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-22 ta' Frar 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat il-*'pre-sentencing report'* tal-Ufficjal tal-Probation;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 214, 215, 218, 222(1)(a), 382A, 383, 384, 386, 412C, 412D u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**